# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 52/2015**

Il-Pulizija

vs

**Jason Calleja**

iben John, imwieled Pieta', fis-27 ta' Ottubru, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 523777(M)

Illum, 14 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jason Calleja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-30 ta' Awwissu, 2014 ghal habta tas-13:30hrs waqt li kien fi Triq Mons Indri Fenech, Mellieha:-

1. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Daniela Calleja weggha bi kliem, b'gesti, b'kitba jew b'xi mod iehor;

2. Fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi ghamel atti jew gesti oxxeni li joffendu l-morali, l-imgieba xieraq u d-dicenza pubblika;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u/jew glied.

   Il-Qorti giet gentilment mitlub sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Daniela Calleja (Kapitolu 9, artikolu 383).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 252(1), 209, 342 u 338 (dd) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu kkundannatu ghal piena ta' gimgha habs u ghal hlas ta' mitejn euro (€200) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant Jason Calleja pprezentat fit-12 ta' Frar, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Pulizija vs. Jason Calleja' deciza tlettin (30) ta' Jannar, elfejn u hmistax (2015) mill-Magistrat Charmaine Galea thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza għar-raġunijiet li ser jigu esposti u tillibera l-appellant minn tali akkużi miġjuba kontrih u minn kull piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**L-Ewwel Aggravju**

Rigward il-kredibilita' tal-**uniku xhud** *viva voce* li ta' ix-xiedha tieghu f'dan il-kaz li hija is-sinjura Daniela Calleja li hija mart l-appellant li ghaddejjin minn separazzjoni. Illi dina kontinwament taghmel ir-rapporti kontra l-appellant, pero' halli nikkoncentraw fuq il-kaz in dezimina. Illi l-appellant kien mar l-ghassa biex jirrapporta peress li martu kienet sawtet lit-tifla. Illi fir-rapport is-sinjura Calleja kienet qalet li kien hemm xi argument rigward xi *injection* pero' naqset li taghmel accenn rigward dina l-*injection* fix-xiehda taghha.

Illi x-xhud ikkoncentrat biss li bdiet tghid kliem hazin fuq il-pedana u wara pprovat tghid li hija mara li tisthi meta saret referenza u intalbet tindika minn kienu in-nies li allegatament kienu ghaddejjin mit-triq. Illi mitluba mid-difiza sabiex tghid imqar persuna wahda li kienet ghaddejja mit-triq hija ma kienitx taf.

Illi meta d-difiza talbet sabiex titla' l-minuri Claire Calleja li kienet l-unika persuna li setghet tghid il-verita' ta' x'gara kien hemm oppossizzjoni mill-*parte civile* u l-Qorti cahdet it-talba.

Illi meta d-difiza talbet sabiex jinghataw l-ismijiet imqar ta' persuna wahda li kienet ghaddejja fit-triq il-*parte civile* qalet li ma tiftakarx li ma tafx ghaliex kienet qeghda tisthi.

Illi dawna l-fatturi kollha juri li l-*parte civile* ma riedet ebda persuna ohra titla' fuq il-pedana tax-xiedha u tixhed rigward il-fatti li graw *stante* li l-affarijiet kif graw kienu biss li hija sawtet lil minuri, l-missier mar jaghmel rapport u wara li kellmuha l-pulizija harget dina l-istorja.

Illi fil-proceduri li kellhom johorgu l-pulizija kontra Daniela Calleja [hekk kif indikat fl-ahhar tar-rapport], l-appellant qatt ma gie notifikat pero' hija stramba peress li normalment fuq incident wiehed johorgu proceduri kontra l-partijiet it-tnejn fl-istess seduta.

Illi rigward il-kredibilita' tax-xiehda fl-appell mill-guri fl-ismiijiet Pulizija vs Joseph Harrington li Qorti rritentiet rigward il-*guidelines* sabiex wiehed jistabblixxi l-kredibilita' tax-xiehda u l-imhallef fl-indirizz tieghu qal is-segwenti:-
*"U l-ligi, sinjuri gurati, tghidilkhom li meta tigu biex taraw mela jekk xhud hux kredibbli jew le tridu taghmlu certu ezercizzju, issemmilkhom certu guidlenes, kriterji. Pero' tghidilkhom ukoll li dawn il-guidelines ma humiex il-lista kompluta, huma guidelines, imbghad thalli f'idejkhom li tuzaw mohhkhom u taraw jekk xhud hux kredibbli jew le. Tghidilkhom per ezempju il-ligi, biex taraw jekk xhud hux kredibbli jew le fl-apprezzament tieghu, taraw x'interess ghandu li qed jixhed b'certu mod. Taraw per ezempju l-komportament tieghu, il-mod kif jirrispondi fuq xi domandi, jekk hux qed ikun evaziv, jipprova jahrab….."*

Illi fil-kaz in dezamina l-partijiet ghaddejjin minn separazzjoni personali u meta koppja li tkun ghaddejja minn separazzjoni personali jibdew jaghmlu hafna rapport wiehed jista' jobsor il-pika li tinqala bejn il-partijiet. Illi minbarra l-emozzjonijiet li ghaddejjin minnhom il-partijiet f'dan il-kaz is-sinjura Calleja anke mix-xiedha taghha u mill-kompartament taghha turi car illi hija tkun trid tivvendika mir-ragel taghha.

Illi il-Qorti naqset li hadet il-fatti kollha f'dan il-kaz, *stante* l-fatt li fix-xiehda taghha (Daniela Calleja) ma riditx persuni ohra jitilghu jixhdu haga li l-difiza talbet ghaliha, illi id-difiza talbet ukoll sabiex il-minuri titla tghid il-versjoni tal-fatti taghha u Daniela Calleja oggezzjonat ukoll.

Illi jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni u jikkompara ix-xiehda ta' Daniela Calleja u dak li qalet lill-Pulizija fir-rapport ukoll hemm inkonsistenzi *stante* li fuq il-pedana kompliet izzid u tghid kliem hazin u qalet wkoll li hija persuna li tisthi.

Illi l-artikolu 637 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigward il-kredibilita' tax-xiehda jghid is-segwenti:-
*"…….fuq din id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' minn ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiedha ghandhiex mis-sewwa jew karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda tieghu u jekk ix-xiedha hix imsahha minn xiedha ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".*

**It-Tieni Aggravju**

Illi rigward il-ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika bi storbju b'ghajjat u/jew glied dana zgur illi ma giex ippruvat. Illi sabiex dina l-akkuza tigi pprovat hemm grad ta' prova hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daniel Briffa, numru 144/2009, (Magistrat Dr. Edwina Grima – 24/10/2012) - Il-Qorti ghamlet referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il- Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441): '*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali*

*jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal- Kodiċi Kriminali.' Illi mil-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l-imputat u l-parti leza u ghalkemm l-it-tnejn li huma ikkagunaw griehi lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fit-triq jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom.''*

Illi fil-kaz in dizamanina ma giex pprovat li veru kien hemm persuni ghaddejjin fit-triq jew li hargu fil-triq minhabba l-alleggat disgwid li nqala bejn il-partijiet *stante* li ix-xhud li d-difiza tghid li mhix kredibli setghet facilment tindika persona/i li kienu ghaddejjin pero' ovvajment ma setghetx tiftakar ghaliex id-difiza tghid li dina l-istorja u dana ir-rapport gie peress li l-akkuzat kien ghamel rapport li Daniela Calleja kienet sawtet lill-minuri.  Ghaldaqstant, dina l-akkuza ma giet sufficentament pprovata ghal grad li trid il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk ix-xiehda ta' Daniela Calleja, l-uniku xhud f'dan il-kaz, ma gietx traskritta.

Illi Daniela Calleja offriet ix-xiehda taghha quddiem din il-Qorti. Mix-xiehda taghha jirrizulta li zewgha, l-appellant, kien mar ghat-tifla taghhom biex johodha mieghu billi skont id-digriet tal-Qorti tal-familja kien imissu hu li jzomm it-tifla. Barra fit-triq jirrizulta li l-appellant beda jkellem hazin lil martu biex ukoll jidghi. In sintesi dan hu li qalek Daniela Calleja. Fix-xiehda taghha quddiem din il-Qorti ma rrizultax minxiehda taghha li l-appellant ghamel xi gesti oxxeni fil-pubbliku u specjalment fil-konfront taghha. Jirrizulta wkoll li meta gara dan l-incident kien hemm in-nies fit-triq. Ghalhekk, mill-provi prodotti jirrizulta li l-ewwel, it-tielet u ir-raba' akkuza migjuba kontra l-appellant gew pruvati ghas-sodifazzjoni ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa parzjalment l-appell ta' Jason Calleja fis-sens li qed tilliberah mit-tieni akkuza u ghalhekk tehilsu minn kull htija u piena. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-akkuzi l-ohra migjuba kontra tieghu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' mitejn euro (€200).